**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Seduta – Distrett San Giljan**

**Illum 27 ta` Mejju 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Michael Scicluna**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Michael Scicluna** ta' 36 sena, iben Johnny u Lourdes nee' Cilia imwieled Pieta, nhar il-21 ta` Mejju 1978, residenti Drcy, Triq it-Torri Ruman, San Gwann u detentur tal-karta ta' l-identita' **253378(M)**, fejn gie akkuzat talli :

1. F’ Lulju 2013 u fix-xhur ta qabel, f'dawn il-gzejjer minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew aghmel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur u cioe biddel in-numru tac-chassis ta vettura CAG 151;.

2. U aktar talli f'Lulju 2013 u fix-xhur ta qabel gewwa dawn il- gzejjer minghajr l-awtorizazzjoni tal-Awtorita jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li taghha setghet inghatat dik l-awtorizazzjoni, kellu fil-pusses tieghu, uza jew ippermetta li tintuza jew biegh jew xort ohra trasferixxa jew hareg jew ippermetta li tinhareg minn xi deposit tad-Dwana vettura bil-mutur li ma gietx registrata bis- sahha ta’ dan l-Att. u cioe vettura registrazzjoni barranija E 438 WCL u prezentement bin-numri ta registrazzjoni CAG 151 (Kap 368 art 21(1)(a);

3. U aktar talli talli f'Lulju 2013 u fix-xhur ta` qabel gewwa dawn il- gzejjer bil-hsieb li jevadi taxxa dovuta jew li tista ssir dovuta fl-ammont ta` Euro 7,497, naqas milli jaghti avviz ta' dik l-importazzjoni, dhul jew manifattura lill-Awtorita jew fi stqarrija li ghamel lil Awtorita ghall-ghanijiet ta` dan l-att ta taghrif li kien jaf li ma kienx korett jew shieh f'xi dettall materjali. (Kap 368 art 21 (1)(b).

4. U aktar talli talli f'Lulju 2013 u fix-xhur ta` qabel gewwa dawn il- gzejjer ghamel jew naqas milli jaghmel jew ippermetta li ssir jew tonqos milli ssir xi haga jew xi att bil-hsieb li jevadi jew jipposponi l- hlas ta taxxa ta registrazzjoni fl- ammont at Euro 7,497 kontra l- ligi. (Kap 368 art 21(1)(d).

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta` htija tordna il-konfiska tal-vettura prezentement bin-numri ta` registrazzjoni CAG 151;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet sottomissjonijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-kaz in dizamina huma s-segwenti.

1. Illi din il-kawza tirrigwarda zewg vetturi, wahda (a) Toyota Dyna double cabin, Pick-up, chassis number LM650053031, diesel, kulur Grey, numru ta` registrazzjoni CAG-151, u (b) Toyota Hilux, chassis number JT1POYN6708001689, kulur Blue, foreign registration number E438 WCL;

2. Illi l-vettura (b) kienet inxtrat mill-imputat bl-irkant mid-Dipartiment tad-Dwana fit-18.06.2012, u skond *notice of release*, (dok DB3 a folio 124), l-imputat kien projbit li juza tali vettura bhala spare parts u wkoll ma setghax juzaha fit-triq, sakemm ma tigix, skond il-ligi, registrata u licenzjata;

3. Illi l-vettura (a) kienet giet mill-Japan f'Marzu 1997 (ara folio 99) u wara li giet debitament registrata u moghtija n-numru ta`

registrazzjoni CAG-151, u wara li maz-zmien inbieghet diversi drabi u ghaddiet minn diversi idejn (ara dok BF a folio 32), spiccat giet registrata fuq Sean Borg (ID.458889M) fis-16.05.2013 (ara folio 35), minghand Charles Galea (ID.955850M);

4. Illi fil-21 ta` Settembru 2013, il-Pulizija bdiet investigazzjoni wara illi individwu bl-isem ta` Michele Sullivan kien ghamel *complaint* mal-Kummissarju tal-Pulizija u cioe` li kien ra van Toyota li kien tieghu u li d-dwana kienet allegatament iddisponiet minnu illegalment. Fil-15.10.2013, il-Pulizija ghamlet spezzjoni u rrizulta li l-van kien jghajjat lil Sean Borg (ID.458889M). Dan Sean Borg kien stqarr li dan il-van kien xtrah minghand kuginuh Michael Scicluna. L-allegazzjoni tal-Pulizija hi li x'aktarx iva milli le, illi Michael Scicluna qata x-chassis number minn fuq il-vettura CAG-151 u wahhlu fuq il-vettura – l-van il-blue li kien xtara minghand id-dwana;

5. Illi a bazi ta` dan kollu, l-imputat tressaq sabiex jirrispondi ghall-imputazzjonijiet migjuba;

**Ikkunsidrat**;

Illi wara li din il-Qorti fliet l-atti, tirrileva s-segwenti.

A. Illi l-prosekuzzjoni sostniet li l-kaz hu ppruvat mir-rizultanzi processwali. Minn naha taghha, d-difiza principalment eccepiet l-preskrizzjoni ta` sentejn; apparti li sussidjarjament, irrilevat li l-provi jibqghu fjakki ghall-kaz tal-prosekuzzjoni;

B. Illi in linea ma l-izviluppi ricenti, kemm fil-Qrati taghna, kif ukoll fil-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, din il-Qorti sejra, sabiex jigi evitat li dan il-procediment jigi b'xi mod ikkontaminat, tiskarta kompletament l-istqarrija ta` l-imputat moghtija fil-15.10.2013;

C. Illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-analizi tal-provi tindika li tali eccezzjoni ma tistax tintlaqa. Dan hu kaz li t-terminu ta` preskrizzjoni seta jiskatta mill-mument li kull awtorita` kompetenti setghet, mill-fatti rizultanti, tidentifika xi suspettat. L-ewwel indikazzjoni li kien hemm diskrepanzi fil-vettura CAG-151 kien nhar it-13.05.2013 (ara folio 53). L-imputat ipprezenta ruhu l-ewwel darba quddiem il-Qorti propju fl-udjenza tas-07.05.2015 (ara folio 7). Dan ifisser, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, li l-azzjoni kriminali ma hijiex kolpita bil-preskrizzjoni tas-sentejn;

D. Illi pero`, meqjusa sew ir-rizultanzi processwali, fid-dawl ta` dak hawn fuq appena espost, din il-Qorti tqis li l-kaz tal-prosekuzzjoni ghandu diversi *lacunae* ghal dak li ghandu x'jaqsam ma l-ewwel (1) imputazzjoni. Principalment issir referenza ghas-seqwenti:

(i) Ma giet imressqa ebda prova konkreta u konklussiva li l-vettura originali CAG-151 kienet giet f'idejn l-imputat;
(ii) Sean Borg ma ttellax jixhed;
(iii) Il-fatt li l-imputat kellu l-pussess tal-vettura E 438 WCL, ma jfissirx li legalment, kien hu li effettivament baghbas u/jew biddel ix-chassis number kif allegat il-prosekuzzjoni.

Di fatti, din il-Qorti tqis li tezisti l-ipotezi li l-imputat, effettivament ghadda l-vettura barranija E 438 WCL, u possibilment il-vettura CAG-151, lil Sean

Borg u li allura seta kien dan Sean Borg li ghadda ghat-tibdil illegali. Din l-ipotezi hi tali, u plawsibbli bizzejjed, biex tirrendi l-ewwel imputazzjoni bhala insostenibbli fil-ligi;

E. Illi pero` mhux l-istess jista jinghad ghall-imputazzjonijiet (2), (3) u (4). Il-Prosekuzzjoni ressqet bizzejjed provi fir-rigward ta` dawn l-imputazzjonijiet. L-imputat xtara l-vettura E 438 WCL minghand id-Dwana u ghamel dikjarazzjoni cara. Sussegwentement pero`, din il-vettura spiccat bit-tbaghbis u fuq it-triq. L-imputat kien jaf x'qed jaghmel u ried jaghmel dak li ghamel. Ghalhekk l-imputat gie li hu hati ta` l-imsemmija tlett imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 21(1)(a)(b)(d) tal-Kapitolu 368 u l-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lil Michael Scicluna;

1. Mhux hati ta` l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-ligi;
2. Izda hati tal-imputazzjonijiet (2), (3) u (4), u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` sitt (6) xhur prigunerija li pero` jibqghu sospizi ghall-perjodu ta` tlett (3) snin, u dana bis-sahha ta` l-Artikolu 28A tal-Kap 9;
3. Tordna wkoll il-konfiska skond il-ligi tal-vettura CAG-151 (ara folio 125);
4. Tordna wkoll li l-hati jhallas l-ispejjez lir-Registratur skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 (ara rapport ta` John Charles Ellul a folio 134 sa 148).

Tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur sabiex tigi esegwita l-ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Bernardette Zammit
Deputat Registratur